# GĦAQDA TAL-GĦALLIEMA TAL-ĠEOGRAFIJA

Is-Segretarju – Anton Quintano tel.: 21413243 / 79409888
Ċirkolari 7 /2012 18 t'Ottubru 2012

## ŻJARA FIL-MIXTLA

## tal-*Environmental Landscape Consortium (ELC)*

## WIED INĊITA, Ħ'ATTARD

Nhar is-Sibt 10 ta' Novembru 2012 fid-9.30 am

Niltaqgħu fid-daħla tal-isptar tal-moħħ Monte Carmeli

Triq l-Imdina, Ħ'Attard

Active Participant – Paul Foster (Nursery Manager)

*L-Environmental Landscape Consortium (ELC)* bdiet topera fl-2003 biex ittejjeb u ssebbaħ l-ambjent tal-ġonna u nħawi pubbliċi f'Malta. L-ewwel proġetti kienu t-tisbiħ tar-*roundabouts* tal-Blata l-Bajda, Ħal Qormi (S. Bastjan), l-Għolja tal-Mellieħa, Santa Venera, il-Monument tal-Gwerra u fuq Kastilja. Hekk kif sar il-ftehim mal-Gvern, l-ELC *ingħatat* il-mixtla ta' Wied Inċita li qabel kienet taqa' taħt id-Dipartiment tal-Biedja. Fl-ewwel sena sar tindif tal-post u tħawlu u nżergħu 150,000 siġra indiġena. Ħafna minn dawn issa tħawlu fit-toroq u postijiet pubbliċi. Minn dak iż-żmien tlestew xi 6,000m$^2$ ta' *shade houses* u serer.

Il-parteċipanti se jingħataw kopja ta' *workbook* għall-istudenti dwar is-siġar, xtieli, il-mixtla u l-ambjent naturali. Il-post huwa arjuż, spazjuż u mimli siġar u xtieli.

AVVIŻI

- Nifirħu lil Tracy Spiteri Staines, membru tal-Kumitat, li saret *Head of Department* tal-Ġeografija fid-Direttorati tal-Edukazzjoni.
- Min għandu xi artiklu dwar il-Ġeografija u t-tagħlim tagħha jgħaddih f'forma diġitali lil xi membru tal-kumitat biex ikun parti mit-Teachers Resource Pack DVD tal-2013.